# L-Eżami ta' Nofs is-Sena

# IL-MALTI

# 2016 - 2017

**IL-LIVELLI 6-7**

| IS-SEBA' SENA | IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) | IL-ĦIN: Sagħtejn |
|---|---|---|

**L-Isem u l-kunjom:** ____________________________ **Il-Klassi:** _______________

**Għall-istudent/a:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.**
2. **L-ortografija, il-punteġġjatura, is-sintassi, l-ideat u l-preżentazzjoni tajbin jgħinuk tikseb riżultati aħjar.**

**Għall-għalliema:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Il-MARKI | It-Taħdit | 10 | |
| | Is-Smigħ | 10 | |
| | Il-Qari u l-Kitba | 80 | |
| | IT-TOTAL | 100 | |

| Taqsima | A | B | Ċ | D | E | F | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marka | 10 | 15 | 5 | 15 | 15 | 20 | |
| Marka tal-Istudent/a | | | | | | | |

**Kummenti:**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## FEHIM MILL-QARI

10 marki

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

### IL-BNIEDEM U FLUS

Darba waħda raġel kien qiegħed fl-għarix tiegħu mal-kumplament ta' uliedu meta sema' l-bieb iħabbat. Talab lil min ħabbatlu jidħol, imma dan qallu hekk: "Jien jisimni Flus, u ġejt għandek biex inservik f'kull ma jkollok bżonn. Iżda ma nidħolx ġewwa qabel ma niftiehmu x'se jkun ix-xogħol tiegħi għandek!" (par. 1)




"Dak li trid tkun taf? Malajr se ngħidlek. L-ewwelnett immaġina li din id-dar hija tiegħek. Għada mmorru flimkien f'ħanut biex nixtru ħafna ħwejjeġ: ilbiesi, qomos, qliezet, kappell u żraben. Irrid nixtri wkoll l-isbaħ ilbiesi għal marti. Wara dan nibqgħu sejrin nixtru biex ikolli x'niekol għal xahar sħiħ. Wara dan biħsiebni nistieden il-ħbieb tiegħi f'dari, u neħodhom fil-ħanut u nħallsilhom ilkoll ix-xorb. Wara mmorru nippassiġġaw kif jagħmlu t-turisti li jiġu f'artna. Dak kulma se nitolbok!" (par. 2)

Flus baqa' jisma' mingħajr ma qal kelma. Meta spiċċa qallu: "Miniex se nidħol għandek. Jekk nidħol mhux se jkolli ħajja twila miegħek. Fi żmien qasir nimrad u mmut qasir il-għomor. Saħħa, se nipprova mmur xi mkien ieħor." (par. 3)

Flus ħabbat bieb ieħor u għamel l-istess mistoqsijiet li għamel lill-ewwel wieħed. It-tieni wieħed qallu: "La ridt tiġi għandi se nistmak bħala mistieden. Insiblek kaxxa biex inqiegħdek fiha; jew jekk tħossok aħjar, inħaffirlek ħofra u naħbik fiha. Miniex biħsiebni nieqaf nistinka u se nużak biex nitma' l-familja. Għada biħsiebni nieħu ftit minnek biex inkun nista' nibni dar żgħira fejn noqogħdu u noħorġu minn dan l-għarix, li qed jaqa' biċċa biċċa. Fid-dar il-ġdida nkunu nistgħu ngħixu inti, marti, uliedi u jien. Jekk jirnexxili, nibni oħra biex inkun nista' nikriha u bil-qligħ tagħha nżid is-somma u nkabbar lilek. Jekk nisma' li xi ħadd ikun irid ibigħ l-għalqa, nipprova nixtriha u naħdimha biex lilek inżidek." (par. 4)

Flus ma ħalliehx ikompli, u kien pront qallu: "F'darek sibt il-qagħda u l-mistrieħ tiegħi. Se nidħol għandek biex qatt ma ninfired minnek." (par. 5)

(adattament minn **Ħrejjef Afrikani, Volum 2** ta' Camilleri, E.)

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

1. X'tip ta' djar kienu joqogħdu fiha l-familji li mar għandhom Flus? (par. 1 u par. 4)

   ________________________________________________________________________

2. X'servizz kien qiegħed joffri Flus lil min iżuru? (par. 1)

   ________________________________________________________________________

3. X'kundizzjoni kien qiegħed jagħmel Flus biex imur joqgħod għand xi ħadd? (par. 1)

   ________________________________________________________________________

4. X'kienet l-ewwel ħaġa li ħaseb biex jakkwista r-raġel tal-ewwel familja? (par. 2)

   ________________________________________________________________________

5. Taqbel li Flus ma marx joqgħod għand l-ewwel familja għax kienet għaqlija?

   ________________________________________________________________________

6. Minn dak li qal Flus f'paragrafi 3 u 5, x'tip ta' nies kien mar ifittex Flus?

   ________________________________________________________________________

7. X'espressjoni juża r-raġel tat-tieni familja biex jurina li l-bini li kienu jgħixu fih kien wasal fl-aħħar tiegħu? (par. 4)

   ________________________________________________________________________

8. Liema kwalità tbeżża' u tkeċċi lil Flus?

   ________________________________________________________________________

9. Semmi żewġ kwalitjiet tajba li għandek li bihom kont tħajjar lil Flus jiġi joqgħod għandek kieku kellu jħabbatlek.

   a. ______________________________________________________________________

   b. ______________________________________________________________________

**GRAMMATIKA**

1. Erġa' ikteb dan il-qawl bla żbalji: Ħaddwaraħaddtasalta'kulħadd.

   _________ _________ __________ _________ ______ ____________ (2 marki)

   Żid l-ittri neqsin f'din il-kitba:

   _lus ma mar_ _ħabbat għan_ i_-sinjur_, _mma għan_ _l-f_qra.

   M_ r__dx jinħela fi_-vojt, __al_ekk fittex familja __aql_j_ minflok waħda ħ_lj_.

   (5 marki)

2. Mis-silta sib kelma b'dawn l-għeruq mill-paragrafi indikati fil-kolonna tan-nofs:

| GĦERQ | PARAGRAFU | KELMA |
|---|---|---|
| ħ-b-t | 1 | |
| f-h-m | 1 | |
| x-r-j | 2 | |
| d-ħ-l | 3 | |
| q-għ-d | 4 | |

(5 marki)

3. Agħti l-Mamma ta' dawn l-Għeruq:

| GĦERQ | MAMMA (X'għamel huwa?) |
|---|---|
| d-ħ-l | |
| m-w-r | |
| b-q-għ | |
| t-l-b | |
| m-r-d | |
| għ-m-l | |

(3 marki)

**KITBA FUNZJONALI** 5 marki

1. Dan t'hawn taħt huwa djalogu bejn Sinjur (S) u Fqir (F).
2. L-ewwel żewġ sentenzi (A u B) ingħatawlek bl-ordni, imma l-oħrajn (Ċ sa G) qegħdin imħawdin.
3. Irranġa l-ordni (b'numri mit-3 sat-8) tas-sentenzi Ċ sa G skont kif jidhirlek li jiġu wara xulxin **u imliehom fit-tabella ta' hawn taħt**. (3 marki)

| A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | G | GĦ | H |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 2 | | | | | | | 9 | 10 |

4. Ivvinta l-aħħar żewġ sentenzi (9 u 10, **jew** GĦ, H) biex tagħlaq id-djalogu bejn il-kelliema. Ara li ta lanqas, dawn ikun fihom ħames kelmiet kull sentenza u ftakar li filwaqt li trid tkompli mas-sens ta' dak li qiegħed jingħad, trid tagħlaq id-djalogu bihom. Żomm f'moħħok ukoll li jitnaqqsu marki għall-iżbalji tal-kitba. (2 marki)

**Djalogu bejn Sinjur (S) u Fqir (F)**

| | ORDNI | KELLIEM | DJALOGU |
|---|---|---|---|
| **A** | **1** | **S** | Ara kemm ilni ma narak! X'minnek? |
| **B** | **2** | **F** | Ma tantx għandi biex niftaħar. Dejjem l-stess ħajti! |
| **Ċ** | | **S** | Nerġa' ngħidlek li jekk se tibqa' taħsibha hekk żgur li qatt m'inti se tinqala' mill-faqar, u kif għidt int stess, fqir tmut! Wara li tara x'għandek, agħżel x'għandek żejjed minnu ħalli tara ġġibx flusu. |
| **D** | | **F** | Imbagħad? Taħseb li se nsir sinjur b'daqshekk? Ifhimni: il-fqir ismu miegħu, mhux sinjur! Jien m'għandi xejn żejjed – naqlagħha u nikolha, kif jgħidu! |
| **E** | | **S** | Imma inti għax ma tismax minni? L-ewwel ħaġa li għandek tagħmel hija li tara x'għandek f'idejk, jew taħt rasek. |
| **F** | | **F** | Xi tridu jkolli taħt rasi? Jien fqir twelidt u fqir se mmut! |
| **Ġ** | | **S** | Konvint li mill-faqar tista' tinqala', imqar ftit. Ismagħni sew, ladarba tkun tgħallimt kif tqassam flusek, tippjana sew biex ma taħlihomx fil-vojt, u tneħħi dak kollu li hu żejjed, kulma jkun jonqos fl-aħħar hu li tidra tieħu ħsiebhom. Tista' tinvesti f'xi bank ... |
| **G** | | **F** | ... u jekk ifalli u nitlef kollox, x'nagħmel? Jien m'għandix il-kuraġġ li għandek int! |
| **GĦ** | **9** | **S** | |
| **H** | **10** | **F** | |

| POEŻIJA | 15-il marka |
|---|---|

1. Aqra din is-silta tal-poeżija u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

TIFĦIRA LIL MALTA (Ġan Anton Vassallo)

Int sabiħa, o Malta tagħna!
Mhux għax Malti nfaħħrek jien;
Issemmik id-dinja kollha,
Magħruf ġmielek kullimkien.

Imgħottija bl-isbaħ sema,
L-ogħna dawl ix-xemx tagħtik,
Ma xxawtekx, bil-ħlewwa ssaħħnek,
Ġid iġġiblek u tqawwik.

a. Lil min qed ikellem il-poeta? Ikkwota frażi li turi dan.

____________________________________________________

________________________________________________ 2 marki

b. Fisser il-frażi "L-ogħna dawl":

________________________________________________marka

ċ. Spjega x'messaġġ ried iwassal il-poeta b'din il-poeżija: ______________________

________________________________________________ 2 marki

2. Aqra din is-silta tal-poeżija u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

LIL OMMI ta' Rużar Briffa

... Aħbili li hemm barra
Qed jokrob ir-riħ,
bħal ruħ qiegħda tfittex,
għalxejn il-mistrieħ.

Benninni, benninni,
nessini kull dieqa,
benninni, bħal meta
kont ċkejken fin-nieqa,

a. It-titlu ta' din il-poeżija huwa: (**metafora, apostrofi, alliterazzjoni**) marka

b. Sib <u>similitudni</u> mis-silta: __________________________________

________________________________________________ 2 marki

ċ. X'jissejħu l-<u>istrofi</u> u r-<u>rima</u> ta' din il-poeżija (il-metrika)?

Ir-rima hija: ________________________ marka

L-istrofi huma: ________________________ marka

d. Ikteb il-ħsieb ta' din il-poeżija fi 3 sentenzi.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ 3 marki

e. Sib metafora fejn Briffa qed jitlob lil ommu tipproteġih mill-problemi tal-ħajja:

______________________________________________ 2 marki

**PROŻA** 15-il marka

Imla l-vojt b'dawn il-kelmiet (hemm 5 żejda):

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Isports | fil-boxxla | Jrabbuh | l-iskola | ekstraterrestri | Brincat | Spikey |
| għajnejn | Daffodil | Iħarrfu | bi żball | Rita | sigriet | maħrub |
| tat-triq | Zandarell | l-Buskett | Salvina | Christine | il-vettura spazjali | bħall-pulizija |
| aljen | seksieka | kamuflax | Zito | Debono | sportiv | Katya |
| Lorella | Rospo | Vassallo | Hector | Ta' Qali | t-tarbija | l-Mużew |

1. Zito ________________ huwa tifel ________________ li ġie Malta ________________.
2. Dan għaliex ________________ li biha kien qiegħed jivvjaġġa sofriet ħsara ________________ .
3. Il-familja ________________ nzertat kienet qiegħda tqatta' xi ħin liberu ________________ meta l-kelb tagħha, ________________ beda jinbaħ għax ra xi ________________ f'siġra.
4. Dawn ma kienu ta' ħadd għajr ________________ li kellu poteri ta' ________________ bħall-________________ .
5. Ftehmu li ma kienx ta' waħdu u ddeċidew li ________________ huma.
6. Imma ftehmu miegħu wkoll li kellu jinżamm kollox ________________ biex ma jiġux fl-inkwiet mal-awtoritajiet ________________ .
7. Fil-fatt, l-inkwiet inqala' mill-ewwel: inzertaw *roadblock* u kellhom ________________ mhux ftit biex tħallew imorru d-dar.
8. Lanqas id-dar ma sabu kwiet għax ________________, il-ġara ________________ tal-familja rat kollox.
9. Wara xi żmien ġie deċiż li Zito jibda jattendi ________________ biex jagħti anqas fil-għajn.

10. Sfortunatament, anke hemm inqala' l-inkwiet: Zito ltaqa' mal-buli t'hemmhekk: ________________ li wassal biex Zito jkollu jitlaq għax ferraq ġlieda li bdiet meta salva l-għasfur ta' ________________ - ________________ .
11. Matul dan iż-żmien, Zito ġie nnutat juża l-poteri tiegħu meta salva ________________ ta' ________________ billi tar min-naħa għall-oħra ________________ .
12. Kien bejn wieħed u ieħor matul dan iż-żmien ukoll li nibet rispett qawwi bejn Zito u s-Sur ________________, l-għalliem tal-________________ .
13. Dan ukoll ma tantx kellu grazzja ma' Hector ________________ għax kien jaf xi jsarraf.
14. Dan l-għalliem, flimkien ma' martu ________________, kellu dispjaċir wieħed: bintu ________________ kienet tilfet id-dawl f'inċident.

| **KOMPONIMENT** | 20 marka |
|---|---|

**Ikteb madwar 150 kelma dwar wieħed minn dawn is-suġġetti.**

1. Ħarġa ma' tal-iskola.
2. Din is-sena ddiskutejtu kif tikteb storja tal-biża'. Irrakkonta ġrajja li min jaqraha żgur li se jitkexkex u ġismu jqum xewk xewk.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________